MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 903/2008

**Green Dot Malta Limited [C-33694].**

**vs.**

**Green.Mt Limited [C-42136] u b'digriet tat-24 ta' Novembru 2009 l-isem tas-socjeta` intimata gie indikat bhala Green Mt Limited u dan peress li l-isem tal-istess socjeta' intimata gie hekk mibdul b'effett mit-2 ta' Ottubru 2008.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Green Dot Malta Limited datata 9 ta' Settembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' rikorrenti, inkorporata fit-12 ta' April 2004, gia' Greenpak Limited, kienet l-ewwel entita` awtorizzata

lokalment mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar *ai termini* tal-*Waste Management* (*Packaging and Packaging Waste*) *Regulations* **(Avviz Legali 277 tal-2006** kif emendat) u tal-*Waste Management* (*Permit and Control*) *Regulations* (**Avviz Legaii 337 tal-2001** kif emendat) (Dok.“A”).

Illi s-socjeta` rikorrenti hija wkoll licenzjata mis-socjeta` estera Der Grune Punkt Duales System Deutschland GmbH sabiex *inter alia* tuza t-*trademark* "Green Dot" famuza madwar id-dinja kollha, inkluz f’Malta, in konnessjoni ma' skemi ghall-irkupru u r-riciklagg tal-iskart u ilha ghal numru ta’ snin tirraprezenta esklussivament l-interessi ta' din is-socjeta` f’Malta (Dok “B”).

Illi s-socjeta' intimata, inkorporata fl-20 ta' Awwissu 2007 ghall-istess skopijiet tas-socjeta` rikorrenti, ilha ghal diversi xhur taghmel uzu minn isem, *ossia* l-isem "Green.Mt Limited", liema isem jista' u qieghed igib tahwid mal-marka Green Dot uzata skont il-ligi mis-socjeta` rikorrenti, bi ksur tal-**artikolu 32 tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta**, *In oltre*, l-istess socjeta` intimata ricentament giet ukoll awtorizzata mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar *ai termini* tal-*Waste Management* (*Packaging and Packaging Waste*) *Regulations* (Avviz Legali 277 tal-2006 kif emendat) u tal-*Waste Management* (*Permit and Control*) *Regulations*, u b'hekk hija evidentement kompetittrici diretta tas-socjeta` attrici, f’dan il-qasam. F'dan ir-rigward, l-isem tas-socjeta` intimata jidher fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar - http://www.mepa.org.rnt - bhala entita' awtorizzata (Dok “C”, specifikament pagna 5 tal-istess dokument).

Illi *oltre* minn hekk is-socjeta` intimata a *sua sponte* u/jew *tramite* l-azzjonista ewlenija taghha "il-Kamra Maltija ghan-Negozji Zghar u Medji (GRTU)", ilha ghal diversi xhur taghmel reklamar qarrieqi *ai termini* tal-**artikoli 32B u 36A tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta**, konsistenti *inter alia* fi stqarrijiet u *press releases* mwassla lil firxa wiesgha ta' nies inkluz negozjanti lokali illi jqarrqu jew probabbilment iqarrqu bihom u li jaghmlu l-hsara jew

probabbilment jaghmlu l-hsara lis-socjeta` rikorrenti bhala kompetitrici tas-socjeta` intimata, kif ukoll ilha ghal diversi xhur ixxerred ghal skop ta' konkorrenza notizzji li jisghu jaghmlu hsara lill-kummerc tas-socjeta` rikorrenti *ai termini* tal-**artikolu 34 tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta**, kif ukoll ilha ghal diversi xhur taghmel reklamar komparattiv projbit *ai termini* tal-**artikolu 32A tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta** (Dok “D”, Dok “E”, Dok “F, u Dok “G”).

Illi *nonostante* illi giet interpellata diversi drabi permezz ta' ittri bonarji (Dok “H”, Dok “K”. Dok “L”, u Dok “N”) u permezz ta' protest gudizzjarju pprezentat fit-12 ta' Frar 2008 (Numru 70/2008, anness u mmarkat bhala Dok “O”) sabiex tiddesisti mmedjatament minn dan l-agir illegali taghha u sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni kkagunati minnha, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-uzu ta' l-isem "Green.Mt Limited" mis-socjeta` intimata jikkonsisti f’konkorrenza sleali *ai termini* tal-**artikolu 32 tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta**;

2. Tiddikjara illi l-istqarrijiet annessi u mmarkati bhala Dok. “D” – Dok. “G” jikkonsistu f’reklamar qarrieqi u konkorrenza sleali *ai termini* tal-**artikoli 32B** u **36A**, u/jew f’tixrid ta' notizzji bi hsara tas-socjeta` rikorrenti *ai termini* ta' l-**artikolu 34 tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta**.

3. Tiffissa somma idoneja bhala penali dovuta lis-socjeta` rikorrenti *ai termini* tal-**artikolu 37 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta**.

4. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-istess penali lis-socjeta` rikorrenti.

5. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex fi zmien perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti tbiddel l-isem taghha b'mod illi tieqaf il-kontravenzjoni tal-jeddijiet tas-socjeta` rikorrenti, tirtira mic-cirkulazzjoni u/jew teqred

kwalunkwe materjal kontravvenjenti li jinsab fil-pussess jew taht il-kontroll taghha, u dan taht kull provvedimenti ohra illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha huma xierqa u opportuni.

Bl-imghaxijiet skont il-ligi kontra s-socjeta` intimata li hija ingunta minn issa ghas-subizzjoni, u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju fuq imsemmi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebiti a fol. 8 sa fol. 45 tal-process.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Jannar 2009.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha esebiet l-affidavit ta' Robert Sultana ghal Network Information Malta ((NIC) Malta) datat 27 ta' Ottubru 2008.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-15 ta' Jannar 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Naudi ghas-socjeta` attrici, li irrileva li r-risposta guramentata giet prezentata *fuori termine*, peress li s-socjeta` konvenuta giet notifikata fit-2 ta' Ottubru 2008 u r-risposta guramentata giet ipprezentata fl-24 ta' Ottubru 2008 u ghalhekk wara l-ghoxrin (20) gurnata stipulati mil-ligi. Il-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex tipprezenta rikors opportun fi zmien sebat ijiem (7) zmien ghar-risposta. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghall-4 ta' Marzu 2009.

Rat ir-rikors datat 16 ta' Jannar 2009 (fol.85) tas-socjeta' attrici fejn talbet l-isfilz tar-risposta guramentata tas-socjeta' intimata peress li din giet prezentata *fuori termine;* rat ir-risposta tas-socjeta' intimata datata 5 ta' Frar 2009; rat id-digriet tal-Qorti datat 16 ta' Frar 2009, fejn tat lis-socjeta' intimata iz-zmien hemm indikat sabiex tipprovdi l-provi taghha ghall gustifikazzjoni tal-kontumacja; rat il-verbal tal-4 ta' Marzu 2009 fejn Dr. Jan-Karl Farrugia ghas-socjeta' intimata u wara d-difensuri rrimettew

ruhhom ghall-provi dwar il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacji. Il-kawza giet differita ghad-decizjoni fuq dan il-punt ghat-23 ta' April 2009.

Rat ir-rikors ta' Green Dot Malta Limited datata 2 ta' April 2009 a fol. 95 tal-process fejn is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tad-decizjoni taghha, u tiddeferixxi l-kawza odjerna ghal data ohra konvenjenti lilha; u l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-2 ta' April 2009 (fol. 96).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-23 ta' April 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Victor Axiaq ghas-socjeta` attrici li nforma l-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx u nsista fuq deciz fuq il-punt tal-kontumacja. Il-kawza giet differita ghal decizjoni fuq il-punt ghall-11 ta' Gunju 2009.

Rat id-decizjoni moghtija fil-11 ta' Gunju 2009 dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja fejn il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta' attrici fir-rikors taghha tas-16 ta' Jannar 2009 u ordnat l-isfilz u t-tnehhija mill-process tar-risposta guramentata tas-socjeta' intimata datata 24 ta' Ottubru 2008 u ddikjarat li s-socjeta' intimata baqghet kontumaci b'dan li huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 158 (10) tal-Kap. 12.** Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tas-socjeta' intimata.

Rat li konsegwenza tal-istess ir-risposta guramentata tas-socjeta' intimata datata 24 ta' Ottubru 2008 giet sfilzata u mnehhija mill-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2009 fejn xehdu Kevin Borg, John Richards u Claudette Fenech u l-kawza giet differita sabiex is-socjeta' attrici tipprezenta x-xhieda taghha bil-procedura tal-affidavits u ghall-finali trattazzjoni ghas-16 ta' Frar 2010.

Rat in-nota attrici li biha gie pprezentat l-affidavit ta' Kevin Borg datat 29 ta' Ottubru 2009.

Rat ir-rikors ta' Green Dot Malta Limited [C-33694] datat 20 ta' Novembru 2009 a fol 195 fejn is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti tordna korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza sabiex l-isem tas-socjeta` intimata jinbidel minn Green.Mt Limited ghal Green Mt Limited u dan ghaliex tali bdil fl-isem sar fil-mori tal-kawza; u l-Qorti laqghet it-talba b'dan li jigi registrat fl-okkju li s-socjeta` konvenuta bidlet isimha fid-data ndikata kif indikat fir-rikors kif jidher bid-digriet moghti fl-24 ta' Novembru 2009 (fol. 195).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta' Frar 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Victor Axiak ghas-socjeta` attrici u Dr. Jan-Karl Farrugia ghas-socjeta` konvenuta kontumaci. Xehed Martin Seychell. Il-Qorti tat terminu ta' tletin (30) gurnata lis-socjeta` konvenuta ghan-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom tletin (30) gurnata ghall prezentata tan-nota responsiva taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-azzjoni attrici saret *inter alia* a bazi tal-**artikolu 32 tal-Kap 13** li jipprovdi li:-

*"Il-kummercjanti ma jistghu jaghmlu uzu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistghu jgibu tahwid ma isem, marka jew sinjal distintiv iehor uzati skond il-ligi minn haddiehor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' haddiehor ma jkunux irregistrati skond l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrjali, lanqas ma jistghu jaghmlu uzu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistghu jqarrqu lil haddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta".*

Illi l-kawza odjerna titratta dwar l-uzu ta’ isem ta’ socjetajiet li jaghmlu tip ta’ xoghol simili, fejn is-socjeta’ attrici Green Dot Malta Limited kienet giet awtorizzata mill-MEPA sabiex thaddem lokalment sistema ta’ *packagining waste recovery schemes*, inkluz il-gbir u riciklagg ta’ skart ta’ l-ippakjar, filwaqt li s-socjeta’ intimata dak iz-zmien bl-isem Green.Mt Limited, bdiet thaddem skema li tigbor taghmir elettroniku. Jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta giet irregistrata b’tali isem , u baqghet b’dak l-isem wara li l-prezentata tal-azzjoni attrici fid- 9 ta’ Settembru 2009, u bidlet l-isem taghha b’effett mid-data tat-2 ta’ Ottubru 2008 ghall Green Dot MT kif jidher mic-certifikat mahrug mir-Registratur tal-Kumpaniji tal-istess data (fol. 150 – Dok. “CF”).

Illi l-kwistjoni kollha hija jekk tali isem tas-socjeta’ konvenuta kif kien bhala Green.Dot Limited jikkrejax jew setax jikkreja konfuzjoni mal-isem tas-socjeta’ attrici Green Dot Malta Limited fis-suq attwali, b’dan li tant jixxiebhu li hemm possibilita’ ta’ konfuzjoni bejn it-tnejn, u dan il-punt hija *“kwistjoni ta’ fatt u l-gudikant ghandu jara hu stess, bhala gudizzju proprju, b’astrazzjoni anke ta’ dak li dwar daqshekk jixdhu ix-xhieda jekk hemm ‘deceptive resemblance”* **(Vol. XXXIX. i. 401).**

Illi fil-fatt fil-kawza **“North Cheshire Brewery Company vs Manchester Brewery Company”** Lord Halsbury sostna li:-

*“Is this name so clearly resembling the name of another firm as to be likely to deceive…. but upon the one question which Your Lordships have to decide, whether the one name is so nearly resembling the other as to be calculated to deceive, I am of opinion that no witness would be entitled to say that, and for this reason that is the very question which your Lordships have to try”.*

Illi jista’ jinghad li anke fil-gurisprudenza taghna inkluz fis-sentenza **“Gino sive John Cutajar nomine vs Kevin Caruana”** (A.C. 23 ta’ Jannar 1998) gie determinat li *“l-konfuzzjoni u l-konfondibilita’ li l-ligi trid tevita jridu jorroginaw u jkunu relatati mar-rejazzjoni tal-‘average man*

*in the street' ta' intelligenza ordinarja, li jara, jifhem u kapaci jiddistingwi bejn kelma u ohra, bejn disinn u iehor, bejn hoss u iehor. Il-Qorti trid tkun konvinta illi kif inhuma l-fatti, l-ismijiet uzati mill-konvenut setghu jingannaw l-ghajnejn u l-widnejn tal-konsumatur u b'hekk igibu konfuzzjoni fil-konsumazzjoni".* **("A. Barbara vs G. Barbara" -** A.C. 30 ta' Gunju 1933; **"A. Mizzi *nomine vs* E. Frendo *nomine*"** - K. 14 ta' Novembru 1932).

Illi sabiex jigi deciz dan il-punt huwa importantissimu li jigi sottolinejat li normalment tali konkorrenza slejali tista' tezisti biss fl-ispacc tal-istess generu ta' merci jew servizzi, ghaliex altrimenti huwa difficli sabiex wiehed jikkonsidra l-ezistenza ta' tahwid b'mod oggettiv, anke jekk l-ismijiet per se jistghu johoqu konfuzjoni, u dan ghaliex li fit-tieni ipotesi huwa difficli sabiex tara kif jista' wiehed jaffettwa lill-iehor. (**"Road Servicing Limited vs General Road Servies Limited"** P.A. (RCP) – 15 ta' Marzu 2001; **"Gino sive John Cutajar nomine vs Kevin Caruana -** A.C. 23 ta' Jannar 1998).

Illi infatti fis-sentenza **"Maria Carmela sive Marlene Mizzi *nomine vs* Joseph Attard *nomine*"** (A.C. 9 ta' Mejju 1997) inghad illi *"hu implicitu li dan it-tahwid irid ikun tali li jippregudika n-negozju tal-parti l-ohra li maghha tkun in konkorrenza u minn dan jitnissel il-htiega li n-negozju gestit miz-zewg konkorrenti jkun simili fin-natura tieghu, u fil-generi li jiffurmaw l-oggett tan-negozju".*

Illi fil-fatt kif inghad fis-sentenza **"Road Servicing Limited vs General Road Servies Limited"** (P.A. (RCP) – 15 ta' Marzu 2001) jista' jinghad li l-iskop tad-divjet kontenut fl-**artikolu 32 tal-Kap 13** huwa dak li jigi evitat li jinholoq ambjent bejn il-varji negozji u l-oggetti tal-kummercjanti li jtendu biex jikkrejaw kreditu kummercjali mibni fuq pretensjonijiet foloz, u dan huwa applikabbli kemm ghall-oggetti tal-istess natura, kif ukoll tip ta' attivita' kummercjali kondotta mill-kontendenti.

Illi huwa ghalhekk ovvju f'ghajnejn din il-Qorti li dan il-principju japplika wkoll fil-kaz ta' rassomiljanza fl-isem ta' zewg socjetajiet kummercjali lokali bhal ma huwa il-kaz

odjern, u anke jekk dawn ma humiex it-tnejn registrati Malta **("Dr. Rosario Frendo Randon *noe vs* Philip Gatt *et nomine*" -** K. 7 ta' Ottubru 1967), u dan ghaliex *"il-konkorrenza necessarjament tfisser kompetizzjoni bejn tnejn fl-istess sfera ta' attivita' fl-istess kuntest ta' zmien u spazju"* **("Avukat Dr. Pio Valletta *nomine vs* Joseph Tanti"** - A.C. 11 ta' Marzu 1992 - LXXVI. ii. 415), u ghalhekk fin-nuqqas ta' dan l-allegazzjoni ta' konkorrenza slejali ma jkollha ebda fondament sod jekk tali generi ta' attivita' jkunu ghal kollox differenti minn xulxin **("Av. Dr. Stefan Meilaq *nomine vs* Anthony Hammett *et*" -** K. F. 24 ta' Frar 1994 - LXXVIII. iii. 117; **"Petroni nomine vs Montebello nomine"** P.A. – 26 ta' Mejju 2000; **"Clamus Limited vs Mark Vella Gera"** - P.A. (GV) – 29 ta' Marzu 2004).

Illi dan huwa importanti anke meta wiehed imur biex jezamina l-kliem uzat *stante* li huwa ovvju li ghalkemm l-uzu ta' kliem komuni fil-vokabolarju in generali ma jistghux jitqiesu il-monopolju ta' hadd, pero' wiehed irid jaghti kaz ukoll li certu kliem bl-uzu taghhom ma prodott jew attivita' partikolari, ikunu assumew *"indikazzjoni mhux biss tal-kwalita' tal-merkanzija izda wkoll ta' l-origini taghha bhala spaccata minn determinat kummercjant, u hija maghrufa bhala tali fil-kummerc lokali, ma jistax negozjant iehor juzaha fl-istess generu tal-kummerc".*

Illi fl-ahharnett gie wkoll stabbilit li *"biex tinholoq din il-kunfuzjoni m'hemmx bzonn li l-imitazzjoni tkun perfetta, imma huwa bizzejjed illi mill-kumpless taghha tista' tinganna lix-xerrej, fis-sens li jhallat merkanzija ta' wiehed mal-merkanzija ta' l-iehor"* **("G. Vella Zarb *nomine vs* G. Portelli *et nomine*"** - K. 30 ta' Gunju 1936; **"Chircop vs Galea"** – A.K. – 27 ta' Gunju 1955; **"John Gauci Maestre nomine vs Marcel Mizzi proprio et nomine"** – P.A. (PS) – 31 ta' Jannar 2003; **"Unibet.com (International Limited vs Global Events Online Limited et"** – A.C. – 10 ta' Lulju 2009).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-allegazzjoni dwar il-konkorrenza slejali hija bejn l-ismijiet tas-socjetajiet kontendenti wahda bl-isem ta' Green Dot

Malta Limited u l-ohra li kienet bl-isem ta’ “Green.Mt Limited, li huma zewg socjetajiet involuti fl-istess tip jew generu ta’ servizzi jew negozju, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti hija konvinta minn ezami tal-kliem uzat li kienu jikkomponu l-istess ismijiet rispettivament li tali ismijiet setghu u kienu joholqu konfuzjoni u tahwid lill-persuni li jkollhom bzonn tali tip ta’ servizzi marbuta mar-riciklagg gewwa pajjizna, b’mod li jidher li huwa facli li bniedem jithawwad u fejn minghalih ikun qed jittratta ma socjeta’ in verita’ ikun qed jittratta ma’ socjeta’ ohra, u din il-konfuzjoni u tahwid hija bla ebda dubju naxxenti mill-fatt li l-ismijiet taz-zewg socjetajiet ghalkemm ma humiex perfettament identici huma hafna simili ta’ xulxin.

Illi fil-fatt meta wiehed ihares lejn is-socjeta’ attrici u jara l-parti tal-isem bil-kliem “Green Dot”, u mbaghad ihares lejn il-kelma “Green” flimkien mal-punt “.” f’dak li kien l-isem tas-socjeta’ konvenuta Green.Mt jirrizulta li dawn l-ismijiet kien joholqu konfuzjoni bejn iz-zewg socjetajiet, u dan ghaliex anke jinstemghu l-istess, u jidher li dan johrog car meta wiehed ipoggi l-ismijiet tas-socjetajiet hdejn xulxin, jew jisma’ l-pronunzjament taghhom.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li gie ppruvat li dawn iz-zewg ismijiet huma simili hafna ghal xulxin u li oggettivament setghu, u fil-fatt holqu konfuzjoni bejn iz-zewg socjetajiet, b’mod li kien facli, mis-similarita` li tezisti bejn l-istess, li wahda tigi konfuza mal-ohra, jew li wiehed jahseb li l-istess socjetajiet huma fil-fatt socjeta’ wahda. Illi dan huwa iktar accentwat meta jidher li z-zewg ismijiet gew maghzula sabiex jigi proprju identifikat in-natura tax-xoghol jew servizzi svolt mill-istess entitajiet.

Illi pero’ jirrizulta li l-ewwel socjeta’ li uzat dan il-metodu sabiex tmexxi l-quddiem l-organizzazzjoni taghha kienet proprju s-socjeta’ attrici, w ovvjament li bl-involviment taghha, tali isem akkwista certa fama max-xoghol li fih hija kienet involuta, u fil-fatt s-socjeta’ attrici bdiet topera l-ewwel taht GreenPak Limited fit-12 ta’ April 2004 u giet awtorizzata sabiex tuza t-trademark “Green Dot” kif jidher minn Dok. “B”, u wara uzat l-isem attwali, u b’dan li meta gie registrat l-ewwel isem tas-socjeta’ konvenuta kif

indikat fl-20 ta' Awissu 2007, is-socjeta' attrici mill-ewwel oggezjonat ghall-uzu tal-istess kif jirrizulta mill-korrispondenza esebita bhala Dok. "H" sa Dok. "O".

Illi f'dan il-kuntest jinghad li f'materja ta' konkorenza sleali jezisti l-principju ta' *prior in tempore, potior in jure,* ghaliex la darba f'dan il-kaz l-isem tas-socjeta' attrici u s-servizz li kienet tipprovdi tahtu kien jezisti qabel l-isem u s-servizz provdut mis-socjeta' intimata, mela allura s-socjeta' attrici tista' tvanta d-dritt taghha a bazi tal-**artikolu 32 tal-Kap. 13 ("Anthony Marcel Pace Axiaq nomine vs Alex Borf nomine"** – P.A. (FDP) – 16 ta' Marzu 2001); **"Macpherson Mediterranean Ltd. vs Conquest Ltd"** – P.A. (GCD) – 9 ta' Dicembru 2002; **"Martin Spiteri vs Emanuel Cachia et"** – P.A. (TM) – 10 ta' Gunju 2004).

Illi tali provi prodotti jikkonfermaw dak li din il-Qorti oggettivament u bit-tqeghid taz-zewgt' ismijiet hdejn xulxin thoss li definittivament jezisti u cioe` li z-zewgt' ismijiet tas-socjetajiet kontendenti (kif kienu) huma simili hafna u holqu jew setghu joholqu disgwid, ghaliex dak li l-ligi tipprotegi, kif jirrizulta mill-kliem tal-istess ligi, ma huwiex il-fatt tad-disgwid jew tahlit, izda l-possibilita' li jkun jista' jinholoq tali tahwid u konfuzjoni, u dan il-fatt johrog car hafna u b'mod naturali min-natura tal-kliem simili u l-punt "." uzat fl-istess zewg ismijiet.

Illi jirrizulta wkoll li s-socjeta' konvenuta b'rizoluzzjoni mehuda *f'extraordinary general meeting* tal-kumpanija datat 11 ta' April 2008 (fol. 151) iddeciediet li tnehhi l-punt "." mill-istess isem, u dan it-tibdil kellu effett biss fit-2 ta' Ottubru 2008, kif jidher mid-dokumenti esebiti nkluz ix-xhieda ta' Dr. Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpaniji fi hdan l-MFSA (xhieda tal-11ta' Novembru 2009 – fol. 191), wara applikazzjoni ghal bdil ta' isem li saret l-ewwel fl-4 ta' Gunju 2008 u saru zewg korrezzjonijiet ghall-istess, sakemm saret is-sottomissjoni finali fl-1 ta' Ottubru 2008 (fol. 192).

Illi jinghad li s-socjeta' attrici originarjament taht l-isem GreenPak Limited (u wara bidlet isimiha ghal dak odjern) kienet registrata sabiex topera din l-iskema mill-MEPA fis-

7 ta' Ottubru 2005, mentri s-socjeta' intimata rregistrat ghall-iskema l-ewwel darba fit-22 ta' Awissu 2008 (xhieda ta' Martin Seychell rappresentant tal-MEPA – 16 ta' Frar 2010).

Illi in vista ta' dan kollu din il-Qorti thoss bl-isem tas-socjeta' attrici u l-isem kif kien tas-socjeta' intimata gie ppruvat mhux biss li kien hemm possibbilita' ta' konfuzjoni, izda wkoll li tali konfuzjoni kienet reali u ghalhekk dan kien johloq konfuzjoni minn persuni normali, u ghalhekk l-ewwel talba attrici qed tigi milqugha.

Illi dwar it-tieni talba attrici fil-kuntest tal-**artikolu 32 B u artikolu 36A tal-Kap. 13** riferibbli ghall-allegazzjonijiet li saru mis-socjeta' intimata reklamar qarrieqi, din il-Qorti tinnota li qabel l-istess disposizzjonijiet kienu inkorporati fl-**artikoli 48 sa 50 tal-Kap 378,** izda jidher li b'Att II tas-sena 2008 dawn gew inkorporati fl-artikolu fil-Kodici tal-Kummerc. Illi fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti thoss, li anke fid-dawl ta' dak li inghad fil-provediment fl-ismijiet **"World Marketing Services Limited vs Crosscrafts Company Limited"** (P.A. (RCP) – 11 ta' April 2001), li l-istqarrijiet annessi mar-rikors guramentat bhala Dok. "D" u "Dok. "G" jammontaw ghall-konkorrenza sleali fit-termini tal-istess artikoli, u wkoll tixrid ta' notizzji bi hsara ghas-socjeta' rikorrenti skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 34 tal-Kap. 13,** u dan jirrizulta car kemm mix-xhieda moghtija u kif ukoll mill-kontenut tal-istess stqarrijiet. Ghalhekk it-tieni talba attrici qed tigi milqugha.

Illi dan ifisser ukoll li fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi t-tielet talba attrici ghandha wkoll tigu milqugha, u l-Qorti qed tapplika d-disposizzjoni tal-**artikolu 37 (3)** rigward penali (anke fid-dawl ta' dak ritenut fis-sentenza **"Malpierre Estates Ltd. vs John Grech et"** – A.C – 16 ta' Frar 2004), u tiffissa l-ammont ta' penali li ghandha tithallas mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500) u dan fic-cirkostanzi tal-kaz odjern inkluz il-fatt li s-socjeta' intimata attwalment bidlet l-isem taghha kif illum indikat f'dawn l-atti. Ir-raba' talba hija milqugha f'dan is-sens ukoll.

Illi fir-rigward tal-hames talba din qed tigi milqugha biss fis-sens li la darba tbiddel l-isem tas-socjeta' intimata llum kull ma jonqos huwa biss li tigi rtirata mic-cirkulazzjoni u jinqered kull materjal li jinsab fil-pussess jew kontroll tas-socjeta' intimata u dan fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-uzu tal-isem "Green.Mt Limited" mis-socjeta` intimata jikkonsisti f'konkorrenza zleali *ai termini* tal-**artikolu 32 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tiddikjara illi l-istqarrijiet annessi u mmarkati bhala Dok "D" - Dok "G" jikkonsistu f'reklamar qarrieqi u konkorrenza zleali *ai termini* tal-artikoli 32B u 36A, u/jew f'tixrid ta' notizzji bi hsara tas-socjeta` rikorrenti *ai termini* ta' l-**artikolu 34 tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta**.

3. Tiffissa somma idoneja bhala penali dovuta lis-socjeta` rikorrenti *ai termini* tal-**artikolu 37 tal-Kap 13 tal-Ligjiet ta' Malta** fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500).

4. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas l-istess penali fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500).

5. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza tieqaf il-kontravenzjoni tal-jeddijiet tas-socjeta` rikorrenti, fis-sens li tirtira mic-cirkulazzjoni u teqred kwalunkwe materjal kontravvenjenti li jinsab fil-pussess jew taht il-kontroll taghha u dan fis-sens kull materjal li ghad ghandu l-isem ta' Green.Mt Ltd fuqu.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------